MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 317/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. B.C. Spiteri)**
**Vs**
**Mauro Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Marzu, 2009 ghall-habta ta' 22.30 hrs gewwa l-hanut "Chequers Bar" li jinsab gewwa Triq Dragonara, Paceville, San Giljan ghamilha ta' "substitute" fl-imsemmi hanut minghajr licenzja mill-Awtorita' Kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju, 2009, li biha, stante li mhix pruvata ma sabitux hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti

joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi, w tiddeciedi l-mertu tal-kawza ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w issib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fl-udjenza tal-lum il-Qorti *ex officio* gibdet l-attenzjoni tal-partijiet dwar il-punt ta' dritt jekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti kienetx appellabbli mill-Avukat Generali skond l-artikolu 413 (1) (b) (i)(ii)(iii) (iv) (v)(vi) u (vii) tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-tratazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Ikkonsidrat;

Illi l-akkuza dedotta kontra l-appellat certament illi kienet taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 tal-Kap. 9 biex tigi deciza bi proceduri sommarji. Ghalhekk f' dan il-kaz mhux applikabbli s-sub-inciz ( c ) recentement introdott tal-artikolu 413 (1) li jaghti d-dritt ta' appell lill-Avukat Generali fil-kazijiet l-<u>ohra kollha</u>. Dan is-sub-inciz skond l-interpretazzjoni kostanti li nghata minn din il-Qorti anki diversament preseduta, japplika biss fejn l-akkuzi jkunu jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati.

Ghalhekk biex is-sentenza tkun appellabbli mill-Avukat Generali trid tkun giet ibbazata fuq xi wiehed jew aktar mill-kazijiet elenkati fis-subartikolu (1)(b) tal-art.413.

Issa l-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-liberazzjoni tal-appellat kienet testwalment din:-

***"Stante li mhix pruvata** ma ssibux hati u tilliberah."* (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi ghalhekk din il-liberazzjoni hi bazata fuq nuqqas ta' provi w mhux ghax il-fatti ma jikkostitwux ir-reat dedott (ossia *"quando il fatto non costituisce reato*") li hija l-ipotesi msemmija fis-sub-sub inciz (iv) i) tal-artikolu 413 (1) (b) u cioe' meta:

*"l-imputat jew l-intimat jigi liberat minhabba f' li:*
*i) l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti tar-reat;"*

Hu ovvju wkoll li l-ipotesijiet l-ohra kollha komprizi fis-subincizi (i) sa (vii) ma ghandhomx rilevanza ghal dan l-appell.

Illi ghalhekk skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti l-appell tal-Avukat Generali mhux ammissibbli w qed jigi dikjarat irritu w null u l-Qorti tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------